MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-7 ta' April, 2015

Talba Numru. 443/2009

**GasanMamo Insurance Limited C3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Gasan Enterprises Limited skond il-Ligi u l-polza (Claim C086140)**

**vs**

**S. Mifsud & Sons Limited C 341 proprio u bhala agenti u mandatarji tas-socjeta' estera Neptune Shipping Agencies SA u bhala armaturi u fornituri tal-vapur MV La Castellet u Valletta Gateway Terminals Ltd**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ hemm talba biex is-Socjetajiet Konvenuti jigu kundannati jhallsu lis-Socjeta' Attrici il-*quantum* ta' elf, erba' mija, erbgha u disghin Ewro erbgha u sebghin centezmi rapprezentanti hsarat u nuqqasijiet fuq konsenja ta' 39 vetturi Ford li waslu Malta fit-12 ta' Gunju *per* MV La Costellet u ghal-liema hsarat u nuqqasijiet is-socjeta' Attrici kkompensat lis-Socjeta' Assikurata. Bl-ispejjes.

Ir-RISPOSTA ta' Valletta Gateway Terminals Ltd kienet hekk:-

i) It-talbiet inkwantu diretti lejn Valletta Gateway Terminals Ltd huma nfondati.
ii) L-allegati danni ma sehhewx minhabba xi tort imputabbli lilha.

iii) L-ammont reklamat ghandu jigi pruvat.

Ir-RISPOSTA ta’ S. Mifsud & Sons Ltd *pro et noe* kienet din:-

i) Illi *in linea preliminari* n-nuqqas ta’ gurisjdizzjoni ta’ dan l-Onorabbli Tribunal *ai termini* tal-klawsola 3 tal-polza ta’ karigu relattiva ghal dan il-kaz.

ii) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, *in linea* preliminari ukoll, l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda stante li ma saritx entro t-terminu stabbilit fil-klawsola numru 14 tal-polza ta’ karigu (Dok A) inkwistjoni u dana peress li *ai termini* ta’ l-imsemmija klawsola kwalsijasi azzjoni kellha mhux biss issir, izda tigi ukoll notifikata fi zmien sena mid-data tal-konsenja tal-merkanzija – haga li fil-kaz odjern ma saritx.

*iii)* Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti stante li *ai termini* tal-klawsola numru 4 tal-polza ta’ karigu inkwistjoni “*The carrier or his agent shall not be liable for loss of or damage to the goods during the period before loading and after discharge from the vessel, howsoever such loss or damage arises”.*

iv) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti ghandhom jigu michuda stante li *ai termini* tal-imsemmija polza ta’ karigu *“vessel/owners are not responsible for status of units and without guarantee for spares and accessories visible or not as same not known and not controlled by vessel/owner”.*

v) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti ghandhom jigu michuda stante li *ai termini* tal-klawsola 22 tal-polza ta’ karigu *“it is further understood that as the Agent who has executed this bill of lading for and on behalf of the master is not a principal in the transaction, said agent shall not be under any liability arising out of the contract of carriage, nor as carrier not bailee of the goods”*

vi) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti ghandhom jigu michuda stante li *ai termini* tal-klawsola numru 23 tal-polza ta’ karigu *“no agent of the carrier (including every independent contractor from time to time employed by the carrier) shall in any circumstances whatsoever be under any liability whatsoever to the merchant for any loss, damage or delay arising or resulting directly or indirectly from any act neglect or default on his part whilst acting in the course of or any connection with his employment”.*

vii) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ eccipjenti mhux responsabbli ghall-allegati danni sofferti mis-socjeta’ attrici.

viii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

**Ra** li b'sentenza preliminari tat-30 ta' Mejju 2011 l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tas-Socjeta' Konvenuta S. Mifsud & Sons Ltd *proprio et noe* gew michuda u l-kawza thalliet ghat-tkomplija tal-provi.

II PROVI

1. Jigi ndikat li hawn jingiebu biss siltiet mill-provi li, izda, jitqiesu fuq dak kollu li tressaq quddiem it-Tribunal u li jinsab fil-process.

2. John Galdes, *Senior Manager* fil-Claims Dept ta' GasanMamo Insurance Ltd, qal li l-kumpanija Gasan Enterprises kienet assikurat maghhom konsenja ta' 39 vetturi Ford li waslu Malta fit-12 ta' Gunju 2008. Meta dawn il-vetturi gew konsenjati lill-assikurata taghhom Gasan Enterprises Limited irrizulta illi dawn il-vetturi kellhom diversi hsarat u nuqqasijiet ammontanti ghal €1,490.74c. Bhas-soltu huma qabbdu *surveyor* taghhom sabiex imur fuq il-post u cioe fil-bitha tal-Valletta Gateway Terminals Limited sabiex isir *survey* taghhom qabel ma dawn jigu rilaxxati.

3. Is-*surveyor* li kien mar fuq il-post kien Paul Ellu li jahdem mal-kumpanija General Marine Services & Consultancy Limited. Wara li Gasan Enterprises Limited thallsu tal-*claim*, is-socjeta' attrici bdiet l-procedura tar-*recovery* u gabru d-dokument relattivi ghall-claim. Fost dawn hemm it-*tally sheets* mahruga mit-*tally clerks* tal-Malta Maritime Authority kif ukoll il-*gate pass out* relattiva ghall-konsenja in kwistjoni.

4. Is-*survey* sar fid-Deep Water Quay, bil-hsarat jigu konstatati qabel ma l-vetturi gew rilaxxati u hargu mill-port. Dan konfermat fil-Gate Pass Out (Dok GM5). Fir-rigward hemm esibiti Dok JG u Dok GM1 sa 9 (ara *fol* 55 *et seq*).

5. In kontro-ezami (ara *fol* 151/152) hu ta spjegazzjonijiet aktar in sostenn ta' dak li xehed.

6. Brian Pace, *Foreman* ma Gasan Enterprises, qal li meta mar il-VGT hu ra haddiema b'zewgt islielen, inaddfu bl-ilma u xkupa l-*bird droppings* minn fuq il-karozzi. Assuma li kienu haddiema tal-VGT. Dana barra li ra hsarat ohra, u hawn irrifera ghad-dokumenti *a fol* 67/72 tal-process fejn jirrizultaw il-hsarat imsemmija. Hu spezzjona fil-prezenza tas-Socjeta' Attrici u l-VGT. Lill-vetturi ma rahomx qabel fuq xi vapur. Il-*Gate Pass Out* ma jkunx imliha hu.

7. Mhux xoghlu li jkun prezenti meta ssir it-tally sheet tat-*tally clerks* tal-VGT meta l-merkanzija tinzel minn fuq il-bastiment. Hu jkun prezenti waqt li t-*tally clerks* tal-VGT ikunu qed johorgu l-Gate Pass Out u jekk ikun hemm xihaga ma jaqbilx maghha, jigbidilhom l-attenzjoni. Spjega li l-karozzi kienu jigu mahmugin tant li l-istat tal-*polish* taghhom ikun difficli tarah. Gieli jkun hemm *cover* u gieli le. Il-Ford ma kienx ikollhom *layer* ta' *wax* ghall-protezzjoni.

8. Jonathan Satariano, *tally clerk* ma TM ikkonferma l-firma tieghu fit-*tally sheet* Dok GM2 *a fol* 63. Hemm il-firma ukoll tat-*tally clerk* Herbert Naudi u ta' George Baldacchino u Mario Zaffarese tal-VGT. Qal li dak li nkiteb dwar il-vetturi Ford mhiex kitba tieghu. Hu konferma l-firma tieghu f'dokumenti ohra esebiti. Spjega li l-VGT l-ewwel jaghmlu *survey* fir-rampa u mbaghad iehor fil-*compound*.

9. Paul Ellul hu *Cargo Surveyor* ma GMSCL u fuq inkarigu tas-Socjeta' Attrici ghamel *survey* fuq il-vetturi in kwistjoni – Dok GM6 *a fol* 73. Il-maggoranza tar-rimarki kienu dwar *bird stains*. Hu ma jmurx mal-wasla tal-vetturi izda meta jaslu jmur il-*consignee*. Spjega li l-hmieg tal-hamiem ikun aciduz. Bhala regola xi tip ta' protezzjoni jkun hemm. Hu ma regax ra l-vetturi wara li nhaslu.

10. Paul Savona, General Manager tas-Socjeta' Attrici qal li huma kienu l-agenti tal-vapur Le Castellet (ritratt Dok PS *a fol* 126) li ma jgorrx vapuri fuq il-gverta. Xoghlhom li jidhol il-vapur fil-port, ihott u jitlaq. Ma jiehdux hsieb il-haddiema tal-port jeww tat-*tally,* li hu xoghol il-VGT. Id-Dok GM3 sar fuq ir-rampa. M'hemmx rimarki u "dan ghalija jfisser li skond il-persuni li kienu qed jaghmlu t-*tally* ma kien hemm xejn x'tirrimarka fuq dawn il-vetturi". Dak iz-zmien ma kienx ikun hemm rapprezentant tal-agent waqt it-*tally*. Ix-xhud ta' aktar dettalji bi spjegazzjoni tal-punti centali tax-xhieda tieghu (xhieda *a fol* 123/125 tal-process).

11. Lennart Brincat, *Claims Supervisor* mal-VGT beda biex spjega l-procedura tat-*tallying*. Meta rcieva l-*claim* minghand is-Socjeta' Attrici darha *item* wara *item*. Is-Socjeta' Attrici originarjament ghamlet *claim* ta' €1,668.00 (Dok LB2 *a fol* 140) u dik fil-kawza hi ghal €1,490.00.

12. Doreen Curmi, *manager* fuq affarijiet legali mal-VGT ma kienetx hemm meta nqala l-kaz mertu tal-kawza. Qalet li wara, kienet saret laqgha mal-importaturi tal-karozzi fosthom Gasan Motors li kienu rapprezentati minn Tony Cassar u Robert Culbert u s-Socjeta' Attrici rapprezentata minn John Galdes. Dwar il-hmieg tal-ghasafar R. Culbert qal li ma kienx hemm bzonn li fli "specification list" jissemmew il-*pigeon droppings* ghax ma jaffettwawx iz-zebgha tal-karozzi. Ziedet "hu qal ukoll li waqt il-passagg sakemm jaslu l-vetturi Malta jkollhom *wax coating* bhala protezzjoni ulterjuri". Il-*wax* isir ukoll minhabba r-raxx tal-bahar (ara xhieda *a fol* 144/145)

## III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL qies u fela dak kollu li tressaq quddiemu bhala prova, mit-tliet nahat f'din il-kawza u wara li qies is-sottomissjonijiet studjati tad-difensuri jghid dan:-

i. Min jafda merkanzija f'idejn haddiehor biex, bhala xoghlu bi hlas, igorrielu jistenna li din titwassal u tasal f'idejh fl-istat li fih il-merkanzija tkun telqet mill-punt ta' tluq taghha. Dana skont dak li hu mistenni mill-*bonus paterfamilias*.

ii. Id-danni li ssemmew kienu ta' zewg xorta: xi "missing handbook pocket" u xi girfa minn naha - u "bird stains" minn naha l-ohra. Izda waqt il-provi l-koncentrazzjoni kienet fuq il-hmieg tal-hamiem.

iii. Irrizulta li l-bastiment li fuqu ngarru l-vetturi Ford, l-MV Le Castellet hu bastiment maghluq li fuqu l-vetturi jingarru fil-garaxx, xejn fuq il-gverta (ritratt esebit). Dan ifisser li l-vetturi in kwistjoni ma kienux esposti ghall-elementi – la xi raxx u anqas hmieg tal-ghasafar. Irrizulta li meta l-vetturi tnizzlu mir-rampa tal-bastiment f'Malta, ma gie notat xejn hazin barra minn loku fir-rigward u t-TRIBUNAL jikkonkludi li l-azzjoni attrici ma tregix fil-konfront ta' S. Mifsud & Sons *pro et noe.*

iv. Dwar il-hmieg tal-ghasafar – haga mistennija meta oggett jithalla fil-berah u anke taht tined b'xi mod esposti ghall-ghasafar u hamiem - irid jiehu hsieb is-sid. L-ghata ta' vettura jista jkun prattiku jew le. Zgur li l-Valletta Gateway Terminalts Ltd mhiex tenuta tipprovdi dan, fin-normalita' tal-affarijiet. Dwar xi *wax*, dan anqas hu xoghol il-VGT. Fil-kaz prezenti tressqu xhieda konfliggenti tal-konsegwenzi, hsarat, fuq il-vetturi li jaghmel il-hmieg tal-ghasafar.

DECIZJONI

It-TRIBUNAL, wara li jirriferi ghad-Decizjoni *in parte* li nghatat fit-30 ta' Mejju 2011, u **jordna** li kopja taghha ghandha tigi mehmuza mas-sentenza definitiva tal-lum **jiddeciedi** billi (i) **jichad** it-Talba Attrici fir-rigward tas-Socjeta' Konvenuta S. Mifsud & Sons *pro et noe* u konsegwentement, wara li t-Tribunal ga ddispona mill-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari fid-decizjoni *in parte* ga msemmija, (ii) **jilqa** l-eccezzjoni nru 7 li cahdet responsabilta' ghad-danni reklamati mis-Socjeta' Attrici u, fic-cirkostanzi (iii) **jiddeciedi** billi jastjeni ruhu milli jiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet nru 3, 4, 5 u 6, (iv) **jilqa** l-**eccezzjonijiet** tas-Socjeta' Konvenuta Valletta Gateway Terminals Ltd u allura (v) **jichad** it-Talba Attrici fil-konfront ukoll ta' din is-Socjeta' Konvenuta u, fic-cirkostanzi (vi) **jiddeciedi** li l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kollha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------